VALLETTA
Città Umilissima

KUNSILL LOKALI VALLETTA

VALLETTA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 33**

Il-Ħamis 5 ta' Novembru fis-6.00pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Prof Alexiei Dingli, Christian Darren Micallef, Vincent Farrugia Lauri, Vincent Fabri, Dr Norman Shaw, Raymond Azzopardi u Raymond Attard. L-Ambaxxatur Jake Scerri kien skuzat minħabba li kellu lecture..

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 32 - Il-Ħamis 10 ta' Ottubru 2015 fis-6.00pm kienu ikkonfermati.

- Il-laqgħa ġiet sospiża biex Raymond Pellicano l-konsulent mqabbad biex jifformola rapport dwar l-expression of interest tal-carpark ippreżenta rapport informattiv u spjega fid-dettal dak li tlett kumpaniji preżentaw lill-kunsill. It-Tieħed vot, fejn l-Kunsill qabel mal-proposti fir-raport, Dr Norman Shaw ivvota kontra, l-kunsillier Raymond Attard astjena li l-Valleta FC għandu jkompli ddiskussjonijiet mal-Kunsill biex isir l-proġett
- L-Aħwa Paul u John Sciberras nfurmaw lil kunsill dwar l-istat tan-niċċa li hemm faċċata ta' dar tagħhom. Is-sindku informa li kien diga sar tentativ min-naha tal-Kunsill sabiex in-nicca tigi restawrata izda il-Kunsill ma inghatax il-fondi mehtiegi. Ghalhekk, il-kunsill se jerga japlika fl-2016 meta tohrog l-iskema tar-restawr. Huma jixtiequ li din titpoġġa man-naħa ta' dar tagħhom biex jibdew jieħdu ħsiebha huma. Nfurmaw ukoll li l-isprall viċin il-propjeta' tagħhom għandu bżonn it-tindif. Hemm bżonn ukoll li ssir no parking sign għal muturi biex xi sqaq ma jsirx parking.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Il-Kunsill Raymond Attard nforma li hu ma attendiex l-laqgħa tal-kunsill minħabba l-fatt li ma kellux dawl u għalhekk ma setax jara l-agenda li ntbgħatet lilu.

1.2 Il-Minority Leader nforma li fil-laqgħa preċedenti staqsa dwar l-andament tar-rapport tal-carpark u fhiex kien wasal ir-rapport ta' l-'expression of interest'.

1.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar l-laqgħa li kellu Brussels dwar il-V18. Nforma dwar ir-rapport li ħareġ u spjega kif il-gurija xtaqet li tara kalendarju ta' l-attivitajiet. Il-ġurija kienet mistiedna biex iżżur Malta bejn April u Ġunju. Is-Sindku informa ukoll li kien kellem lil V18 u talab biex tigi diskussa waqt l-IMC biex issir diskussjoni wkoll dwar id-dawl fil-Belt Valletta.

1.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li transport malta għaddew is-somma ta' €10,000 biex jibda l-proġett ta' Sump.

1.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar peacock garden li wehlu railings ta' barra li jagħmlu l-post sikur. Issa baqa biss benches, bins. Ser isir xibka fuq l-casemates. Ser isiru xogħolijiet minħabba li niżlet l-art.

1.6 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli propona li d-Dar tas-Sorijiet tal-Ursulini ssir dar ta' l-anzjani. Is-Sindku zied li tajjeb li jsir child care centre isfel biex ikollna dan is-servizz ukoll fil-Belt Valletta. Kien hemm bosta kunsilliera li esprimew din ix-xewqa ukoll. Kien hemm qbil dwar dan. Dr Norman Shaw għamel post fuq facebook biex id-dar tas Sorijiet issir dar ta' l-anzjani.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li saru laqgħat dwar l-uffiċċju l-ġdid Ex Cafe Premier. Qed isiru studji biex isir lift għal-bibjoteka.

2.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li attenda l-kumitat parlamentari dwar l-V18. Tkelmu dwar it-tindif tal-Belt, is-sitwazjoni tad-dawl fil-Belt. Saret diskussjoni dwar ir-Regional Coordinator u l-Kunsill ser ikollu persuna fuq sekondment.

2.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li fil-Belt ser isir c-Chogm u l-EU summit. L-kunsill ma kien fl-edba mod ikkonsultat. Pero l-koperazzjoni ta' kullħadd tkun apprezzata.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li hemm bozza maqtuha ġewwa St. joseph street u għada kif insterqet anzjana.

3.2 Il-Minority Leader Norman Shaw nforma li għandha ssir ċirkulari li titqassam lil tal-ħwienet biex in-nies u anke l-impjegati ma jitimgħux il-ħammiem.

4. **KOMMUNIKAZZJONI TA' L-AMBAXXATUR**
**NIL**

5. **KORRISPONDENZA**

5.1 Korrispondenza minn għand Perit Charles Buhagiar bħala objection għal unloading bay fi triq sant'ursola għan-nom tal-klijent Luciano Bonello. Wara li fl-aħħar laqgħa ġie miftiehem li ser issir unloading bay u trangar tal-parking. Il-Kunsill Raymond Attard nforma lis-segretarju ezekuttiv li Luciano Bonello kien tkellem miegħu fil-Head Quarters tal-Partit Laburista biex din ma ssirx. Min naħa l-oħra Sur Luciano Bonello nforma lil Raymond Attard li kien diga tkellem mal-Vici Sindku u ma sar xejn dwar dan. S-Segretarju Ezekuttiv nforma li dawn l-affarijiet mhux aċċettabli li kunsillieri jwehdu affarijiet meta tkun diga għaddiet mil-laqgħa tal-Kunsill. Dan ħoloq diżgwid bejn il-partijiet kollha ikkonċernati.

5.2 Korrispondenza minn għand DLG dwar laqgħa ta Europe for Citizens

5.3 Korrispondenza minn għand Wasteserv dwar waste reduction week

5.4 Korrispondenza minn għand Perit Jonathan Bonnici dwar ir-restaurant ġewwa St. Paul street biex jingħata permess għal mwejjed u siggijiet. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan.

6. **AMMINISTRAZZJONI**

6.1 Wara li saret sejħa għal uffiċjal fi skala 13, Anthony Galea appilika u wara li sar interview ġie promoted għal skala 13. Issa ser issir sejħa għal clerk skala 15.

6.2 Gie preżentat l-vacation leave (96hrs) tas-segretarju ezekuttiv biex jigi mgedded għas-sena d-dieħla. Kien hemm qbil dwar dan.

**TMIEM**

Fl-20.00hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għal Ħamis 3 ta' Diċembru fis -18:00hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku